IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.7.2009
COM(2009) 397 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-QORTI TAL-AWDITURI

KONTIJIET FINALI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2008 TAS-7, IT-8, ID-9 U l-10 FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP

WERREJ

NOTA MAL-KONTIJIET 3

1. DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI TAL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP U NOTI TA' SPJEGAZZJONI 4

1.1. L-AVVENIMENTI PRINĊIPALI U L-PUNTI EWLENIN 4

1.2. DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI 6

1.3. NOTI DWAR ID-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI 22

2. RAPPORT DWAR L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA 42

2.1. ALLOKAZZJONIJIET FIL-31.12.2008 47

2.2. KONTIJIET AGGREGATI 58

2.3. IS-SITWAZZJONI SKONT IL-PAJJIŻ U SKONT L-ISTRUMENT 67

2.4. INFORMAZZJONI OĦRA TAL-ĠESTJONI 70

3. INFORMAZZJONI FINANZJARJA BEI 76

3.1. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL TAL-FAĊILITÀ TAL-INVESTIMENT 77

3.2. KARTA TAL-BILANĊ TAL-FAĊILITÀ TAL-INVESTIMENT 78

3.3. DIKJARAZZJONI TAL-FLUSSI TAL-FLUS TAL-FAĊILITÀ TAL-INVESTIMENT 79

3.4. DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-EKWITÀ TAL-FAĊILITAÀ TAL-INVESTIMENT 80

3.5. NOTI MAD-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI TAL-FAĊILITÀ TAL-INVESTIMENT 81

4. APPENDIĊI – Is-sitwazzjoni skont il-pajjiż u skont l-istrument 102

NOTA MAL-KONTIJIET

B'dan niddikjara li l-kontijiet annwali tas-7, it-8, id-9 u l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena 2008 tħejjew skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp u bil-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità stabbiliti fl-anness tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Ksibt mingħand l-uffiċjal tal-kontabilità u mingħand il-BEI, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-produzzjoni tal-kontijiet, li juru l-assi u l-obbligi tal-Fond Ewropew għall-Investiment u l-implimentazzjoni tal-baġit.

B'dan niċċertifika li, abbażi ta' din l-informazzjoni, u wara l-verifiki li dehruli neċessarji biex niffirma l-kontijiet, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp fl-aspetti materjali kollha.

(iffirmata)
Philippe Taverne

Uffiċjal tal-Kontabilità

1. DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI TAL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP U NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1.1. L-AVVENIMENTI PRINĊIPALI U L-PUNTI EWLENIN

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-istrument prinċipali għall-għajnuna tal-Komunità għall-koperazzjoni għall-iżvilupp fil-pajjiżi tal-AKP u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (OCT). It-Trattat ta' Ruma tal-1957 ipprovda għall-ħolqien tiegħu bil-għan li tingħata għajnuna teknika u finanzjarja, inizjalment lil pajjiżi Afrikani li dak iż-żmien kienu għadhom ikkolonizzati u li magħhom xi Stati Membri kellhom rabtiet storiċi.

Minkejja li ġiet riżervata intestatura għall-Fond fil-baġit tal-Komunità sa mill-1993 wara talba mill-Parlament Ewropew, il-FEŻ għadu ma jaqax taħt il-baġit ġenerali tal-Komunità. Huwa ffinanzjat mill-Istati Membri, huwa suġġett għar-regoli finanzjarji tiegħu u huwa ġestit minn kumitat speċifiku. L-għajnuna ġeografika mogħtija lill-Istati tal-AKP u l-OCT se tkompli tiġi ffinanzjata l-aktar mill-FEŻ għall-perjodu 2008-2013.

Kull FEŻ huwa konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin. Sa mill-konklużjoni tal-ewwel konvenzjoni ta' sħubija fl-1964, iċ-ċikli tal-FEŻ ġeneralment segwew iċ-ċikli tal-ftehimiet/konvenzjonijiet ta' sħubija. Id-9 FEŻ skada mad-dħul fis-seħħ tal-10 FEŻ fl-1 ta' Lulju 2008. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/792/KE[1] tas-26 ta' Novembru 2007 tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni għall-prolongament tad-9 FEŻ mill-1 ta' Jannar 2008 sad-dħul fis-seħħ tal-10 FEŻ. Kull FEŻ huwa rregolat mir-Regolament Finanzjarju tiegħu li jistabbilixxi t-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għal kull FEŻ individwali. Għaldaqstant, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jitħejjew separatament għal kull FEŻ fir-rigward tal-parti li taqa' taħt il-ġestjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati wkoll b'mod aggregat biex jipprovdu dehra globali tal-qagħda finanzjarja tar-riżorsi li għalihom hija responsabbli l-Kummissjoni Ewropea.

Fid-dawl tad-diviżjoni ċara tar-responabbiltajiet stipulata fl-Artikolu 2.2 tal-10 Regolament Finanzjarju tal-FEŻ[2], id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kummissjoni u tal-Bank Ewropew tal-Investiment – l-entitajiet fdati bil-ġestjoni tar-riżorsi tal-FEŻ – ma ġewx ikkonsolidati fil-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej.

1.1.1. Għeluq tas-7 FEŻ

Sabiex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni tar-rekords tal-kontijiet tal-FEŻ għall-applikazzjoni l-ġdida ABAC FED, l-Uffiċjal Awtorizzanti ddeċieda li jagħlaq is-7 FEŻ fil-31 ta' Awwissu 2008. Fin-nuqqas ta' bażi legali għall-għeluq tal-FEŻ, il-bilanċ li jifdal, u l-kuntratti u d-deċiżjonijiet relatati, ġew trasferiti għad-9 FEŻ skont id-dispożizzjonijiet ta' Parti 3 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-9 FEŻ. Dan huwa differenti mill-proċedura applikata meta ngħalaq is-6 FEŻ fil-31 ta' Lulju 2006, meta ġew trasferiti biss il-bilanċi li kien fadal.

---

[1] ĠU L 320 of 06.12.2007 pp. 31-32

[2] ĠU L 78 tad-19.03.2008 pp. 1-34

Għall-finijiet tal-informazzjoni, il-karta tal-bilanċ tas-7 FEŻ fid-data tal-għeluq, il-31 ta' Awwissu, hija murija taħt 1.2.

1.1.2. Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali

Il-kontijiet annwali għall-2008 huma ppreżentati kif ġej:

– Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji

– Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja

– Id-dikjarazzjonijiet u l-informazzjoni finanzjarji pprovduti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

1.2. DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI

KARTA TAL-BILANĊ għat-8, id-9 u l-10 FEŻ (EUR miljuni)			
	Noti	**31.12.2008**	**31.12.2007**
ASSI KURRENTI			
Ammonti riċevibbli	1	17,16	8,50
Prefinanzjament Nett	2	917,85	955,52
Assi kurrenti oħra	3	-6,32	-2,65
Flus u ekwivalenti		290,76	388,22
Kontijiet tas-sigurtà STABEX	*5*	*87,98*	*99,61*
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	*6*	*1,75*	*3,36*
Flus fil-bank	*7*	*185,94*	*285,24*
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament	***8***	*15,09*	***0.00***
ASSI TOTALI		**1.219,45**	**1.349,58**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	9	702,29	703,98
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**702,29**	**703,98**
ASSI NETTI		**517,15**	**645,60**
FONDI U RIŻERVI			
Kapital imsejjaħ għall-Fondi	10	17.079,17	25.019,17
Riżultat ekonomiku trasferit 'il quddiem mis-snin preċedenti		-15.784,30	-22.410,59
Riżultat ekonomiku għas-sena		-3.029,96	-3.255,88
Riżervi oħra	11	2.252,25	1.292,89
ASSI NETTI		**517,15**	**645,60**

KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU għat-8, id-9 u l-10 FEŻ (EUR miljuni)

	Noti	infiq fuq il-bażi tal-ħlasijiet 2008	aġġustamenti tad-dovuti	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2008	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2007
Dħul operattiv (1)	**12**	**0,00**	**23,16**	**23,16**	**0,02**
Għajnuna programmabbli		413,68	2,90	416,58	637,53
Appoġġ makroekonomiku		349,87	-5,65	344,23	426,59
Politika settorjali		1.450,25	-62,77	1.387,48	1.148,85
Proġetti Intra-AKP		487,17	30,08	517,24	381,66
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax		1,77		1,77	0,95
Għajnuna għall-emerġenzi		181,95	5,67	187,62	154,81
Għajnuna għar-refuġjati		1,36	4,39	5,75	-5,58
Kapital tar-Riskju		16,57		16,57	57,81
STABEX		24,54		24,54	98,37
Sysmin		7,24	-2,47	4,77	31,58
Programmi oħra ta' għajnuna relatati ma' FEŻ ta' qabel		29,57	-10,69	18,88	4,82
Aġġustament strutturali		0,20	-0,13	0,07	-6,30
Ħelsien mid-dejn – Il-Pajjiżi Fqar bi Djun Kbar u l-Bank Dinji			-1,07	-1,07	179,87
Appoġġ Istituzzjonali		16,10	19,56	35,65	30,41
Kumpens tad-dħul mill-esportazzjoni		40,78	1,24	42,01	83,91
Il-Fond tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo		-1,67	3,22	1,56	17,25
Infiq operattiv		**3.019,38**	**-15,71**	**3.003,67**	**3.242,52**
Nefqa Amministrattiva u Finanzjarja	13	83,09	-24,81	58,28	31,68
Nefqa totali / fuq il-bażi tal-ħlasijiet	**14**	**3.102,47**			
Aġġustamenti tad-dovuti	15	-40,52			-0,34
Spejjeż totali / fuq il-bażi tad-dovuti (2)	**16**	**3.061,95**		**3.061,95**	**3.273,86**
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI (1-2)		**-3.061,95**		**-3.038,79**	**-3.273,83**
Dħul finanzjarju	17	12,66		12,66	18,65
Spejjeż finanzjarji		-0,02		-0.02	-0,34
Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	-3,81		-3,81	-0,35
Bilanċ pożittiv/(negattiv) mill-attivitajiet fiananzjarji (3)		**8,83**		**8,83**	**17,96**
KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA (1-2+3)		**-3.053,11**		**-3.029,96**	**-3.255,88**

Kont tar-riżultat ekonomiku għat-8, id-9 u l-10 FEŻ	-3.029,96
Kont tar-riżultat ekonomiku għas-7 FEŻ	-98,49
RIŻULTAT EKONOMIKU TOTALI TAS-SENA	**-3.128,45**

DIKJARAZZJONI TAL-FLUSSI TAL-FLUS għas-7, it-8, id-9 u l-10 FEŻ (EUR miljuni)			
	Noti	**31.12.2008**	**31.12.2007**
Riżultat ekonomiku għas-sena		-3.128,45	-3.255,88
Telf minħabba indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	1,02	0,35
Aġġustamenti tad-dovuti - dħul operattiv		-23,15	2,88
Aġġustamenti tad-dovuti - dħul operattiv u amministrattiv	15	20,15	399,89
Aġġustamenti tad-dovuti - dħul finanzjarju		0,00	0,34
Drittijiet bankarji li għandhom jitħallsu lura		0,00	0,02
Żieda fl-ammonti pagabbli ta' kofinanzjament	9	15,09	**0.00**
Tnaqqis fid-dħul tal-imgħax dovut	1	1,60	-0,11
Żieda fl-avvanzi għal għotjiet għall-istudju u assi kurrenti oħra	3 & 2	4,60	3,81
Flussi tal-flus minn attivitajiet operattivi		**-3.109,14**	**-2.848,69**
Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri	9.1 & 10.1	3.022,34	2.886,76
Flussi tal-flus minn attivitajiet ta' finanzjament		**3.022,34**	**2.886,76**
Żieda/(tnaqqis) nett fil-flus u ekwivalenti		**-86,79**	**38,07**
Flus fil-banek fil-bidu tal-perjodu	7	285,24	96,48
Kontijiet tas-sigurtà tal-iSTABEX fil-bidu tal-perjodu	5	99,61	191,60
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo fil-bidu tal-perjodu	6	3,36	3,42
Il-kont SWIFT fil-bidu tal-perjodu	9.2	-8,92	49,73
Flus u ekwivalenti fil-bidu tal-perjodu		**379,30**	**341,23**
Flus fil-banek fi tmiem il-perjodu	7	185,94	285,24
Kontijiet tas-sigurtà tal-iSTABEX fi tmiem il-perjodu	5	87,98	99,61
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo fi tmiem il-perjodu	6	1,75	3,36
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament fi tmiem il-perjodu	8	15,09	**0.00**
Il-kont SWIFT fi tmiem il-perjodu	9.2	1,74	-8,92
Flus u ekwivalenti fi tmiem il-perjodu		**292,50**	**379,30**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI għas-7, it-8, id-9 u l-10 FEŻ (EUR miljuni)

	Kapital tal-Fondi (a)	**Fondi mhux Imsejħa (b)**	**Kapital imsejjaħ għall-Fondi (c)=(a)-(b)**	**Riżervi kumulattivi (e)**	**Riżervi oħra (d)**	**Assi Netti Totali (h)=(e)+(d)+(c)**
Noti	10	10	10		11	
Bilanċ tal-għeluq 2006	**42.999,15**	**13.099,15**	**29.900,00**	**-29.711,53**	**1.033,84**	**1.222,31**
Kontribuzzjonijiet		-2.640,00	2.640,00			2.640,00
Żieda fil-kapital	40,17	1,00	39,17			39,17
Trasferimenti minn FEŻ preċedenti						
Riżultat ekonomiku għas-sena				-3.255,88		-3.255,88
Għeluq tas-6 FEŻ	-7.560,00		-7.560,00	7.300,94	259,06	0,00
Bilanċ tal-għeluq 2007	**35.479,32**	**10.460,15**	**25.019,17**	**-25.666,46**	**1.292,89**	**645,60**
Kontribuzzjonijiet		-3.000,00	3.000,00			3.000,00
Żieda fil-kapital	2,40	2,40				
Trasferimenti minn FEŻ preċedenti						
Riżultat ekonomiku għas-sena				-3.029,96		-3.029,96
Ftuħ tal-10 FEŻ	21.152,00	21.152,00				
Għeluq tas-7 FEŻ	-10.940,00		-10.940,00	9.882,16	959,36	-98,49
Bilanċ tal-għeluq 2008	**45.693,72**	**28.614,55**	**17.079,17**	**-18.814,26**	**2.252,25**	**517,15**

KARTA TAL-BILANĊ TAS-7 FEŻ (EUR miljuni)			
	Notes	**31.08.2008**	**31.12.2007**
ASSI KURRENTI			
Ammonti riċevibbli	1	0,00	2,12
Prefinanzjament Nett	2	0,00	75,36
Assi kurrenti oħra	3	0,00	0,00
Kontijiet ta' kollegament	4	0,00	242,23
Flus u ekwivalenti		0,00	0,00
Kontijiet tas-sigurtà STABEX	*5*	*0,00*	*0,00*
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	*6*	*0,00*	*0,00*
Flus fil-bank	*7*	*0,00*	*0,00*
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament	*8*	*0,00*	*0,00*
ASSI TOTALI		**0,00**	**319,70**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	9	0,00	19,59
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**0,00**	**19,59**
ASSI NETTI		**0,00**	**300,11**
FONDI U RIŻERVI			
Kapital imsejjaħ għall-Fondi	10	10.940,00	10.940,00
Riżultat ekonomiku trasferit 'il quddiem mis-snin preċedenti		-9.882,16	-9.715,19
Riżultat ekonomiku għas-sena		-98,49	-166,97
Riżervi oħra		-959,36	-757,73
ASSI NETTI		**0,00**	**300,11**

Il-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-7 FEŻ (EUR miljuni)

	Noti	infiq fuq il-bażi tal-ħlasijiet 2008	aġġustamenti tad-dovuti	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2008	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2007
Dħul operattiv (1)	**12**	**0,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**
Għajnuna programmabbli		24,11	57,58	81,69	124,56
Appoġġ makroekonomiku		0,00	0,00	0,00	0,00
Politika settorjali			0,00	0,00	0,00
Proġetti Intra-AKP		0,00	0,00	0,00	0,00
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax		0,00	0,00	0,00	-0,49
Għajnuna għall-emerġenzi		-0,01	0,14	0,13	0,28
Għajnuna għar-refuġjati		-0,02	0,64	0,62	0,28
Kapital tar-Riskju		4,30	0,00	4,30	5,28
STABEX		0,00	0,00	0,00	8,23
Sysmin		12,46	-6,20	6,27	27,01
Programmi oħra ta' għajnuna relatati ma' FEŻ ta' qabel		-0,21	1,88	1,67	3,56
Aġġustament strutturali		-0,02	6,62	6,60	-6,62
Ħelsien mid-dejn – Il-Pajjiżi Fqar bi Djun Kbar u l-Bank Dinji			0,00	0,00	4,96
Appoġġ Istituzzjonali		0,00	0,00	0,00	0,00
Kumpens tad-dħul mill-esportazzjoni			0,00	0,00	0,00
Il-Fond tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo		0,00	0,00	0,00	0,00
Infiq operattiv		**40,60**	**60,67**	**101,27**	**167,05**
			0,00		
Nefqa Amministrattiva u Finanzjarja	13		0,00	0,00	0,00
Nefqa totali / fuq il-bażi tal-ħlasijiet	**14**	**40,60**			
Aġġustamenti tad-dovuti	15	60,67		0,00	0,00
SPEJJEŻ TOTALI / Fuq il-bażi tad-dovuti (2)	**16**	**101,27**		**101,27**	**167,05**
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI (1-2)		**-101,27**		**-101,27**	**-167,05**
Dħul finanzjarju	17			0,00	0,00
Spejjeż finanzjarji		0,00		0,00	0,00
Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	2,79		2,79	0,08
Bilanċ pożittiv/(negattiv) mill-attivitajiet fiananzjarji (3)		**2,79**		**2,79**	**0,08**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA (1-2+3)		**-98,49**		**-98,49**	**-166,97**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI GĦAS-7 FEŻ (EUR miljuni)

	Kapital tal-Fondi (a)	Fondi mhux Imsejħa (b)	Kapital imsejjaħ għall-Fondi (c)=(a)-(b)	Riżervi kumulattivi (e)	Riżervi oħra (d)	Assi Netti Totali (h)=(e)+(d)+(c)
Noti	10	10	10		11	
Bilanċ tal-għeluq 2006	**10.940,00**	**0,00**	**10.940,00**	**-9.715,19**	**-685,81**	**539,00**
Kontribuzzjonijiet						
Żieda fil-kapital						
Trasferiment għad-9 FEŻ					-71,91	-71,91
Riżultat ekonomiku għas-sena				-166,97		-166,97
Bilanċ tal-għeluq 2007	**10.940,00**	**0,00**	**10.940,00**	**-9.882,16**	**-757,73**	**300,11**
Kontribuzzjonijiet						
Żieda fil-kapital						
Trasferiment għad-9 FEŻ					-201,63	**-201,63**
Riżultat ekonomiku għas-sena				-98,49		**-98,49**
Bilanċ fil-31.08.2008	**10.940,00**	**0,00**	**10.940,00**	**-9.980,64**	**-959,36**	**0,00**
Għeluq tas-7 FEŻ	-10.940,00		-10.940,00	9.980,64	959,36	0,00
Bilanċ tal-għeluq 2008	**0,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**

KARTA TAL-BILANĊ TAT-8 FEŻ (EUR miljuni)			
	Noti	**31.12.2008**	**31.12.2007**
ASSI KURRENTI			
Ammonti riċevibbli	1	3,82	2,64
Prefinanzjament Nett	2	93,40	126,98
Assi kurrenti oħra	3		
Kontijiet ta' kollegament	4	859,14	1.235,68
Flus u ekwivalenti			
Kontijiet tas-sigurtà STABEX	*5*		
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	*6*		
Flus fil-banek	*7*		
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament	*8*		
ASSI TOTALI		**956,37**	**1.365,30**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	9	94,06	124,35
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**94,06**	**124.35**
ASSI NETTI		**862,31**	**1.240,94**
FONDI U RIŻERVI			
Kapital imsejjaħ għall-Fondi	10	12.840,00	12.840,00
Riżultat ekonomiku trasferit 'il quddiem mis-snin preċedenti		-9.504,00	-8.724,21
Riżultat ekonomiku għas-sena		-321,18	-779,79
Riżervi oħra	11	-2.152,51	-2.095,06
ASSI NETTI		**862,31**	**1.240,94**

Il-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAT-8 FEŻ (EUR miljuni)

	Noti	infiq fuq il-bażi tal-ħlasijiet 2008	aġġustamenti tad-dovuti	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2008	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2007
Dħul operattiv (1)	**12**	**0,00**	**4,17**	**4,17**	
Għajnuna programmabbli		228,46	6,54	235,00	393,52
Appoġġ makroekonomiku		0,66	-0,94	-0,28	2,79
Politika settorjali		11,58	3,82	15,40	20,95
Proġetti Intra-AKP					
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax		1,77		1,77	1,45
Għajnuna għall-emerġenzi		-0,06		-0,06	-0,15
Għajnuna għar-refuġjati		1,36	4,39	5,75	-5,86
Kapital tar-Riskju		16,57		16,57	52,52
STABEX		24,54		24,54	90,14
Sysmin		7,24	-2,47	4,77	4,57
Programmi oħra ta' għajnuna relatati ma' FEŻ ta' qabel					
Aġġustament strutturali		0,20	-0,13	0,07	0,32
Ħelsien mid-dejn – Il-Pajjiżi Fqar bi Djun Kbar u l-Bank Dinji			-1,07	-1,07	173,31
Appoġġ Istituzzjonali					
Kumpens tad-dħul mill-esportazzjoni		29,77	-2,95	26,83	49,49
Il-Fond tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo					
Infiq operattiv		**322,10**	**7,19**	**329,28**	**783,04**
Nefqa Amministrattiva u Finanzjarja	13	**1,02**	**-0,18**	**0,84**	**1,95**
Nefqa totali / fuq il-bażi tal-ħlasijiet	14	**323,12**			
Aġġustamenti tad-dovuti	15	7,01			
Spejjeż totali / fuq il-bażi tad-dovuti (2)	**16**	**330,13**		**330,13**	**784,99**
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI (1-2)		**-330,13**		**-325,95**	**-784,99**
Dħul finanzjarju	17	4,03		4,03	6,18
Spejjeż finanzjarji					
Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	0,74		0,74	-0,97
Bilanċ pożittiv/(negattiv) mill-attivitajiet fiananzjarji (3)		**4,77**		**4,77**	**5,20**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA (1-2+3)		**-325,36**		**-321,18**	**-779,79**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI GĦAT-8 FEŻ (EUR miljuni)

	Kapital tal-Fondi (a)	Fondi mhux Imsejħa (b)	Kapital imsejjaħ għall-Fondi (c)=(a)-(b)	Riżervi kumulattivi (e)	Riżervi oħra (d)	Assi Netti Totali (h)=(e)+(d)+(c)
Noti	10	10	10		11	
Bilanċ tal-għeluq 2006	**12.840,00**	**1.545,00**	**11.295,00**	**-8.724,21**	**-1.877,85**	**692,93**
Kontribuzzjonijiet		-1.545,00	1.545,00			**1.545,00**
Żieda fil-kapital						
Trasferiment għad-9 FEŻ					-217,21	**-217,21**
Riżultat ekonomiku għas-sena				-779,79		**-779,79**
Bilanċ tal-għeluq 2007	**12.840,00**	**0,00**	**12.840,00**	**-9.504,00**	**-2.095,06**	**1.240,94**
Kontribuzzjonijiet						
Żieda fil-kapital						
Trasferiment għal FEŻ oħra					-57,45	**-57,45**
Riżultat ekonomiku għas-sena				-321,18		**-321,18**
Bilanċ tal-għeluq 2008	**12.840,00**	**0,00**	**12.840,00**	**-9.825,18**	**-2.152,51**	**862,31**

KARTA TAL-BILANĊ TAD-9 FEŻ (EUR miljuni)			
	Noti	**31.12.2008**	**31.12.2007**
ASSI KURRENTI			
Ammonti riċevibbli	1	13,33	3,75
Prefinanzjament nett	2	761,90	753,18
Assi kurrenti oħra	3	-0,03	-2,65
Flus u ekwivalenti		12,92	388,22
Kontijiet tas-sigurtà STABEX	*5*		*99,61*
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	*6*		*3,36*
Flus fil-bank	*7*		*285,24*
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament	*8*	*12,92*	*0,00*
ASSI TOTALI		**788,12**	**1.142,50**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI			
Ammonti pagabbli	9	374,36	560,05
Kontijiet ta' kollegament	4	837,33	1.477,90
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**1.211,69**	**2.037,95**
ASSI NETTI		**-423,57**	**-895,45**
FONDI U RIŻERVI			
Kapital imsejjaħ għall-Fondi	10	4.239,17	1.239,17
Riżultat ekonomiku trasferit 'il quddiem mis-snin preċedenti		-6.280,30	-3.971,18
Riżultat ekonomiku għas-sena		-2.690,15	-2.309,12
Riżervi oħra	11	4.307,72	4.145,68
ASSI NETTI		**-423,57**	**-895,45**

Il-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAD-9 FEŻ (EUR miljuni)

	Noti	infiq fuq il-baži tal-ħlasijiet 2008	aġġustamenti tad-dovuti	infiq fuq il-baži tad-dovuti 2008	infiq fuq il-baži tad-dovuti 2007
Dħul operattiv (1)	**12**	**0,00**	**18,98**	**18,98**	**0,02**
Għajnuna programmabbli		143,42	11,35	154,77	119,44
Appoġġ makroekonomiku		349,21	-4,70	344,51	423,80
Politika settorjali		1.438,67	-66,59	1.372,08	1.127,91
Proġetti Intra-AKP		468,97	48,28	517,24	381,66
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax					
Għajnuna għall-emerġenzi		182,01	5,67	187,68	154,68
Għajnuna għar-refuġjati					
Kapital tar-Riskju					
STABEX					
Sysmin					
Programmi oħra ta' għajnuna relatati ma' FEŻ ta' qabel		29,57	-10,69	18,88	1,26
Aġġustament strutturali					
Ħelsien mid-dejn – Il-Pajjiżi Fqar bi Djun Kbar u l-Bank Dinji					1,60
Appoġġ Istituzzjonali		16,10	19,56	35,65	30,41
Kumpens tad-dħul mill-esportazzjoni		11,00	4,19	15,19	34,42
Il-Fond tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo		-1,67	3,22	1,56	17,25
Infiq operattiv		**2.637,29**	**10,28**	**2.647,57**	**2.292,43**
Spejjeż Amministrattiva u Finanzjarja	13	**52,29**	**4,72**	**57,01**	**29,73**
Spejjeż totali / fuq il-baži tal-ħlasijiet	**14**	**2.689,58**	**15,01**		
Aġġustamenti tad-dovuti	15	15,01			-0,34
Spejjeż totali / fuq il-baži tad-dovuti (2)	**16**	**2.704,58**		**2.704,58**	**2.321,82**
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI (1-2)		**-2.704,58**		**-2.685,60**	**-2.321,80**
Dħul finanzjarju	17				12,47
Spejjeż finanzjarji					-0,34
Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	-4,55		-4,55	0,54
Bilanċ pożittiv/(negattiv) mill-attivitajiet fiananzjarji (3)		**-4,55**		**-4,55**	**12,67**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA (1-2+3)		**-2.709,13**		**-2.690,15**	**-2.309,12**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI GĦAD-9 FEŻ (EUR miljuni)

	Kapital tal-Fondi	**Fondi mhux Imsejħa**	**Kapital imsejjaħ għall-Fondi**	**Riżervi kumulattivi**	**Riżervi oħra**	**Assi Netti Totali**
	(a)	**(b)**	**(c)=(a)-(b)**	**(e)**	**(d)**	**(h)=(e)+(d)+(c)**
Noti	10	10	10		11	
Bilanċ tal-għeluq 2006	**11.659,15**	**11.554,15**	**105,00**	**-3.971,18**	**3.856,56**	**-9,62**
Kontribuzzjonijiet		-1.095,00	1.095,00			1.095,00
Żieda fil-kapital	40,17	1,00	39,17			39,17
Trasferimenti minn FEŻ oħra					289,12	289,12
Riżultat ekonomiku għas-sena				-2.309,12		-2.309,12
Bilanċ tal-għeluq 2007	**11.699,32**	**10.460,15**	**1.239,17**	**-6.280,30**	**4.145,68**	**-895,45**
Kontribuzzjonijiet		-3.000,00	3.000,00			3.000,00
Żieda fil-kapital						
Trasferimenti minn FEŻ oħra					162,04	162,04
Riżultat ekonomiku għas-sena				-2.690,15		-2.690,15
Bilanċ tal-għeluq 2008	**11.699,32**	**7.460,15**	**4.239,17**	**-8.970,46**	**4.307,72**	**-423,57**

KARTA TAL-BILANĊ TAL-10 FEŻ (EUR miljuni)		
	Notes	**31.12.2008**
ASSI KURRENTI		
Ammonti riċevibbli	1	0,00
Prefinanzjament Nett	2	62,55
Assi kurrenti oħra	3	-6,30
Flus u ekwivalenti		277,84
Kontijiet tas-sigurtà STABEX	*5*	*87,98*
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	*6*	*1,75*
Flus fil-bank	*7*	*185,94*
Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament	*8*	*2,17*
ASSI TOTALI		**334,10**
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI		
Ammonti pagabbli	9	233,87
Kontijiet ta' kollegament	4	21,81
OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI		**255,68**
ASSI NETTI		**78,41**
FONDI U RIŻERVI		
Kapital imsejjaħ għall-Fondi	10	0,00
Riżultat ekonomiku trasferit 'il quddiem mis-snin preċedenti		0,00
Riżultat ekonomiku għas-sena		-18,63
Riżervi oħra	11	97,04
ASSI NETTI		**78,41**

Il-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAL-10 FEŻ (EUR miljuni)

	Noti	infiq fuq il-bażi tal-ħlasijiet 2008	aġġustamenti tad-dovuti	infiq fuq il-bażi tad-dovuti 2008
Dħul operattiv (1)	**12**	**0,00**		**0,00**
Għajnuna programmabbli		41,79	-14,98	26,81
Appoġġ makroekonomiku				
Politika settorjali				
Proġetti Intra-AKP		18,20	-18,20	
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax				
Għajnuna għall-emerġenzi				
Għajnuna għar-refuġjati				
Kapital tar-Riskju				
STABEX				
Sysmin				
Programmi oħra ta' għajnuna relatati ma' FEŻ ta' qabel				
Aġġustament strutturali				
Ħelsien mid-dejn – Il-Pajjiżi Fqar bi Djun Kbar u l-Bank Dinji				
Appoġġ Istituzzjonali				
Kumpens tad-dħul mill-esportazzjoni				
Il-Fond tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo				
Infiq operattiv		**59,99**	**-33,18**	**26,81**
Spejjeż Amministrattiva u Finanzjarja	13	**29,78**	**-29,35**	**0,43**
Spejjeż totali (fuq il-bażi tal-ħlasijiet)	**14**	**89,77**		
Aġġustamenti tad-dovuti	15	-62,54		
Spejjeż totali / fuq il-bażi tad-dovuti (2)	**16**	**27,24**		**27,24**
BILANĊ POŻITTIV/(NEGATTIV) MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI (1-2)		**-27,23**		**-27,23**
Dħul finanzjarju	17	8,63		8,63
Spejjeż finanzjarji		-0,02		-0,02
Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4			
Bilanċ pożittiv/(negattiv) mill-attivitajiet fiananzjarji (3)		**8,61**		**8,61**
RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA (1-2+3)		**-18,63**		**-18,63**

DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI għall-10 FEŻ (EUR miljuni)

	Kapital tal-Fondi (a)	Fondi mhux Imsejħa (b)	Kapital imsejjaħ għall-Fondi (c)=(a)-(b)	Riżervi kumulattivi (e)	Riżervi oħra (d)	Assi Netti Totali (h)=(e)+(d)+(c)
Noti	10	10	10		11	
Bilanċ tal-ftuħ 2008	**21.152,00**	**21.152,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**	**0,00**
Kontribuzzjonijiet						
Żieda fil-kapital	2,40	2,40				
Trasferimenti minn FEŻ oħra					97,04	97,04
Riżultat ekonomiku għas-sena				-18,63		-18,63
Bilanċ tal-għeluq 2008	**21.154,40**	**21.154,40**	**0,00**	**-18,63**	**97,04**	**78,41**

1.3. NOTI DWAR ID-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI

1.3.1. Politika tal-kontabilità

1.3.1.1. Id-dispożizzjonijiet legali u r-Regolament Finanzjarju

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew skont ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp[3] (FEŻ).

Id-dokumenti relevanti għandhom jiġu ppreżentati lill-Qorti tal-Awdituri kif stipulat fl-Artikoli 69, 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għas-7 FEŻ[4], l-Artikoli 66, 67 u 68 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għat-8 FEŻ[5], l-Artikoli 102 u 103 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-9 FEŻ[6] u l-Artikoli 124 u 125 tar-Regolament Finanzarju applikabbli għall-10 FEŻ[3]. L-Artikolu 124 (l-10 FEŻ) jistipula li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-FEŻ għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Il-Qorti tal-Awdituri għandha mbagħad tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar il-kontijiet sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju (l-Artikolu 125). Fuq il-bażi ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni tapprova l-kontijiet finali sal-31 ta' Lulju u tibgħathom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri. Il-kontijiet imbagħad jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali sal-15 ta' Novembru, flimkien mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward ta' dik il-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tagħha.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121 tar-Regolament Finanzjarju tal-10 FEŻ, huma ppreparati dikjarazzjonijiet finanzjarji skont il-prinċipju tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti.

L-informazzjoni kontabbli pprovduta mis-sistema kurrenti tal-kontabilità bl-IT (l-OLAS) ġiet aġġustata, fejn meħtieġ, sabiex tagħti figuri li jkun konformi mal-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Informazzjoni supplimentari fir-rigward ta' elementi ta' dħul u nfiq ġiet ukoll ipprovduta mill-Uffiċjal Awtorizzanti. Sa mis-sena finanzjarja 2009, ġiet implimentata sistema ġdida ta' kontabilità sabiex jiġu ppreżentati kontijiet ibbażati fuq id-dovuti mingħajr modifiki.

Dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tfasslu skont ir-regoli u l-metodi tal-kontabilità tal-FEŻ imfassla fuq il-bażi tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, fejn dawn ma japplikawx, l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSASB) u l-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB). Ir-regoli tal-valutazzjoni u l-kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ġew applikati għall-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li l-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tagħha.

---

3 ĠU L 78 tad-19.03.2008 pp. 1-34
4 ĠU L 266 tal-21.09.1991, p. 1
5 ĠU L 191 tas-07.07.1998, pp. 53-70
6 ĠU L 83 tal-01.04.2003, pp. 1-31

1.3.1.2. Il-Prinċipji tal-Kontabilità

L-għanijiet tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma li jipprovdu informazzjoni li tkun utli għal ħafna nies li jkollhom bżonn jużawha dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-flus ta' entità. Għal entità tas-settur pubbliku, l-għanijiet huma aktar speċifikament li tipprovdi informazzjoni siewja għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex l-entità tagħti rendikont tar-riżorsi fdati lilha.

Biex jippreżentaw perspettiva fidila u ġusta, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ma jridux biss jipprovdu informazzjoni relevanti li tiddeskrivi n-natura u l-firxa tal-attivitajiet, ifissru l-modalitajiet tal-finanzjament tagħhom u jipprovdu informazzjoni definittiva dwar l-operat, imma dan iridu jagħmluh b'mod ċar u li jiftiehem u li jippermetti tqabbil bejn sena finanzjarja u oħra. Huwa b'dawn l-għanijiet li d-dokument preżenti ġie mfassal.

Is-sistema tal-kontabilità tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp hija magħmula minn kontijiet ġenerali u kontijiet tal-baġit. Dawn il-kontijiet huma miżmuma fl-euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja. Il-kontijiet tal-baġit jagħtu stampa dettaljata tal-implimentazzjoni tal-baġit. Huma bbażati fuq il-prinċipju mmodifikat tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet. Il-kontijiet ġenerali jippermettu l-preparazzjoni tad-dikjarazzjonjiet finanzjarji billi juru l-ispejjeż kollha u d-dħul kollu għas-sena finanzjarja abbażi tar-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti u huma maħsuba biex jistabbilixxu l-pożizzjoni finanzjarja taħt forma ta' karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru.

L-Artikolu 120 tar-Regolament Finanzjarju tal-10 FEŻ jistipula l-prinċipji tal-kontabilità li jridu japplikaw fit-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, kif ġej:

– fuq il-bażi ta' negozju attiv;

– prudenza;

– metodi konsistenti ta’ kontabilità;

– paragunabbiltà tal-informazzjoni;

– materjalità;

– l-ebda tpaċija;

– ir-realtà fuq l-apparenza; kif ukoll,

– il-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti.

1.3.1.3. Il-bażi tal-preparazzjoni

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati f'miljuni ta' euro għaliex l-euro hija l-munita funzjonali tal-Komunitajiet Ewropej u li jirrappurtaw biha. L-operazzjonijiet f'muniti barranin jinqalbu f'euro billi jintużaw ir-rati tal-kambju li jkunu japplikaw fid-dati li fihom ikunu saru t-tranżazzjonijiet sottostanti. Qligħ u telf li jirriżultaw mill-ħlas ta' tranżazzjonijiet ta' valuti barranin u mit-traduzzjoni bir-rati

tal-kambju tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'valuti barranin huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-bilanċi fl-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin jinqalbu f'euro fuq il-bażi tar-rata tal-kambju applikabbli fil-31 ta' Diċembru:

Ir-Rata tal-Kambju tal-EURO	
31.12.2008	31.12.2007
GBP 0.9525	GBP 0.7148

Il-valuri fit-tabelli jistgħu ma jaqblux għal kollox, minħabba t-tqarrib taċ-ċifri.

Skont il-prinċipji tal-kontabilità aċċettati b'mod ġenerali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji neċessarjament jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-amministrazzjoni fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Il-kalkoli sinifikanti jinkludu, imma mhumiex limitati għal, provvedimenti għal pagamenti futuri, riskju finanzjarju fuq kontijiet riċevibbli, u dħul u pagamenti dovuti. Ir-riżultati reali jistgħu jkunu differenti mill-istimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

Karta tal-Bilanċ

1.3.1.4. Ammonti riċevibbli

L-ammonti riċevibbli huma miżmuma fl-ammont oriġinali bit-tnaqqis fil-valur minħabba indeboliment imnaqqas minnhom. It-tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba indeboliment ta' riċevibbli jiġi stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-FEŻ mhux se jkun jista' jiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa d-differenza bejn l-ammont kontabbli tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat, li huwa l-valur preżenti tal-flussi tal-flus futuri mistennija, skontati bir-rata tal-imgħax tas-suq għal debituri simili. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Huwa rikonoxxut ukoll tnaqqis ġenerali tal-valur ta' 20% fis-sena għal ordnijiet pendenti ta' rkupru li ma jkunux għadhom soġġetti għal tnaqqis speċifiku.

1.3.1.5. Ammonti ta' prefinanzjament

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus. Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-ħlas bil-quddiem jitħallas lura jew jiġi użat għall-għan li għalih kien ipprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċjarju ma jkollux biżżejjed spejjeż eliġibbli, huwa obbligat li jirrimborsa l-prefinanzjament, kollu jew parti minnu, lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. L-ammont tal-prefinanzjament jitnaqqas (kollu kemm hu jew parzjalment) meta jiġu aċċettati spejjeż eliġibbli u meta jiġu mogħtija lura ammonti.

Fl-aħħar tas-sena, il-prefinanzjamenti pendenti jkunu valutati skont l-ammont/i oriġinali mħallsa lill-benefiċjarju bit-tnaqqis ta': kull ammont rimburżat, l-ammonti eliġibbli approvati u l-estimi tal-ammonti eliġibbli li jkunu għadhom mhux approvati sa tmiem is-sena.

Il-garanziji relatati ma' ammonti ta' prefinanzjament huma murija bħala assi kontinġenti u għalhekk mhumiex kontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji (IPSAS 19).

1.3.1.6. Flus u ekwivalenti

Il-flus u l-ekwivalenti jinkludu kontijiet miżmuma għand istituzzjonijiet finanzjarji fil-pajjiżi tal-AKP, l-OCTs u l-Istati Membri.

Għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-flussi tal-flus, il-flus u l-ekwivalenti jinkludu l-kont kurrenti mal-baġit ġenerali tal-UE ppreżentat taħt il-kontijiet pagabbli fil-karta tal-bilanċ.

1.3.1.7. Ammonti pagabbli

Ammont sinifikattiv tal-ammonti pagabbli tal-FEŻ mhumiex marbuta max-xiri ta' oġġetti jew servizzi – minflok huma talbiet għal ħlasijiet minn benefiċjarji ta' sussidji jew finanzjamenti oħrajn li għadhom ma tħallsux. Dawn huma mniżżlin bħala ammonti pagabbli għall-ammont rikjest meta l-pretensjoni ta' spiża/talba għal ħlas tiġi riċevuta u, wara verifikazzjoni, tiġi aċċettata bħala eliġibbli mill-aġenti finanzjarji rilevanti. F'dan l-istadju, huma jiġu stmati skont l-ammont aċċettat u eliġibbli.

Element kritiku fil-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huwa l-eżerċizzju li jiġi assigurat li t-tranżazzjonijiet jiġu rreġistrati fis-sena kontabbli li jkunu marbuta magħha. Dan l-eżerċizzju jissejjaħ l-eżerċizzju tal-cut-off. B'mod partikolari għandha ssir valutazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn benefiċjarji tal-fondi tal-FEŻ imma li għadhom mhumiex irrappurtati lill-FEŻ (ħlasijiet dovuti).

Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-Komunitajiet Ewropej, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu. Fi tmiem il-perjodu tal-kontabilità, l-ispejjeż dovuti huma rikonoxxuti abbażi ta' stima tal-ammont tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu (pereżempju, il-grad ta' twettiq tal-kuntratti) ipprovduta mill-Uffiċjal Awtorizzanti.

<u>Kont tar-Riżultat Ekonomiku</u>

1.3.1.8. Dħul

Id-dħul tal-FEŻ jikkonsisti fl-imgħax iġġenerat fuq id-diversi bilanċi ta' flus miżmuma f'banek kummerċjali u fuq il-ħlas tard tal-intitolamenti lill-FEŻ.

1.3.1.9. Nefqa

In-nefqa hija rikonoxxuta fil-perjodu li fih l-avvenimenti li jwasslu għal ħlas ikunu seħħu, sakemm:

– Ikun ġie ffirmat kuntratt li jawtorizza l-ħlas;

– Il-benefiċjaru jkun issodisfa l-kriterji ta' eliġibilità, jekk ikun hemm; kif ukoll,

– Tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont dovut pereżempju fuq il-bażi tal-fatturi mibgħuta mill-benefiċjarju, il-grad ta' eżekuzzjoni ta' kuntratti eċċ.

Minħabba li l-infiq tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jiddaħħalx fil-kontijiet tal-FEŻ qabel ma jkun ivvalidat kemm mill-Uffiċjal Awtorizzanti u kif ukoll mill-Uffiċjal tal-Kontabilità, kull infiq li ma jissodisfax dan il-kriterju doppju fl-aħħar tas-sena jidher bħala "infiq mhux allokat" taħt l-intestatura assi kurrenti oħra fuq il-karta tal-bilanċ.

Sabiex ikun konformi mal-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti, l-infiq ibbażat fuq il-ħlasijiet ipprovdut mis-sistema tal-IT tal-kontabilità attwali (OLAS) ġie aġġustat bl-informazzjoni addizzjonali, ipprovduta mill-Uffiċjal Awtorizzanti, dwar il-prefinanzjament u l-ispejjeż dovuti.

Barra l-karta tal-bilanċ

1.3.1.10. Assi kontinġenti

Assi kontinġenti huma assi possibbli li jirriżultaw minn attivitajiet tal-passat u li l-eżistenza tagħhom tkun konfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avveniment, jew avvenimenti futuri, li mhumiex ċerti u li mhumiex totalment fil-kontroll tal-Komunitajiet Ewropej. Assi kontinġenti huma żvelati meta dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ikun probabbli.

L-assi kontinġenti huma eżaminati kontinwament sabiex ikun żgurat li l-iżviluppi jkunu riflessi kif xieraq fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Jekk ikun hemm ċertezza kważi assoluta li se jkun hemm dħul ta’ benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta’ servizz, u l-valur tal-assi jkun jista’ jitkejjel b’mod li wieħed ikun jista’ joqgħod fuqu, l-assi u d-dħul relatat magħhom jiġu rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-perjodu li fih isseħħ il-bidla.

1.3.1.11. Garanziji

Il-garanziji huma assi jew obbligazzjonijiet possibbli li jirriżultaw minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tagħhom tiġi kkonfermata meta jseħħ jew ma jseħħx l-oġġett tal-garanzija. Il-garanziji għalhekk jikkwalifikaw bħala assi jew obbligazzjonijiet kontinġenti. Garanzija tkun likwidata meta l-oġġett tal-garanzija ma jibqax jeżisti. Dan isir konkret meta jitwettqu l-kundizzjonijiet għat-talba għall-ħlas min-naħa tal-garanti.

1.3.2. Noti għall-karta tal-bilanċ

(1) Ammonti riċevibbli

tabella 1 EUR miljuni

Ammonti riċevibbli	Noti	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	l-10 FEŻ	Total fil-31.12.2008	Total fil-31.12.2007
Imgħax riċevibbli – STABEX	1.1			-0,01	-0,01	0,41
Imgħax riċevibbli – oħrajn	1.2			0,01	0,01	1,19
Ordnijiet miftuħa għall-irkupru.	1.3	4,17	18,98	0,00	23,15	11,88
- Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	1.4	-0,35	-5,65	0,00	-6,00	-4,98
TOTAL		**3,82**	**13,33**	**0,00**	**17,16**	**8,50**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou, id-dħul mill-imgħax u r-riċevibbli li jikkorrispondu ma' dan, huma allokati lill-10 FEŻ. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1 u 6 tal-Ftehim Intern applikabbli għall-10 FEŻ[7]. L-unika eċċezzjoni huwa l-imgħax riċevut fuq il-kontijiet tas-sigurtà tal-iSTABEX li huwa allokat lit-8 FEŻ.

(1.1) Imgħax riċevibbli – STABEX

Dan l-ammont jirrappreżenta l-imgħax li ddaħħal mill-kontijiet tas-sigurtà STABEX matul is-sena finanzjarja 2008, li għalih se jiġi riċevut il-ħlas fl-2009. Dan l-imgħax huwa l-proprjetà tal-pajjiżi benefiċjarji relevanti.

(1.2) Imgħax riċevibbli – oħrajn

Dan l-ammont jirrappreżenta imgħaxijiet iġġenerati minn fuq il-kontijiet bankarji Ewropej u l-kont kurrenti tal-iSTABEX matul is-sena finanzjarja 2008, li l-ħlas tagħhom jiġi riċevut fl-2009.

(1.3) Ordnijiet miftuħa għall-irkupru.

Il-bilanċ tal-għeluq għall-ordnijiet tal-irkupru jirrappreżenta l-valur tal-ordnijiet ta' rkupru maħruġa imma mhux imħallsa sa l-aħħar tas-sena.

Fil-31 ta' Diċembru 2007, il-bilanċ tal-ordnijiet ta' rkupru pendenti li jirrigwardaw il-prefinanzjament kien ta' EUR 21,21 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 9,33 miljun ma kinux inklużi fil-Kontijiet Annwali tal-2007. Fl-2008, ġew aġġornati r-rekords tal-kontabilità tal-FEŻ. Dan l-aġġustament jirrappreżenta żieda fir-riċevibbli u tnaqqis li jikkorrispondi magħha fil-prefinanzjament u għalhekk ma kellux impatt fuq l-assi netti.

[7] ĠU L 247 tad-09.09.2006, pp. 32-45

Il-movimenti fl-ordnijiet ta' rkupru miftuħa matul il-perjodu huma ppreżentati hawn taħt.

tabella 1.3 EUR miljuni

	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	TOTAL
Ordnijiet ta' rkupru miftuħa fil-31.12.2007	**6,96**	**14,25**	**21,21**
Ordnijiet ta' rkupru maħruġa fl-2008	27,39	52,17	79,56
Ordnijiet ta' rkupru magħluqa fl-2008	-30,19	-47,00	-77,18
Imsarrfa	*-27,54*	*-35,90*	***-63,45***
Irrinunzjati (art 73 FR)	*-1,06*	*-1,63*	***-2,69***
Imħassra	*-0,62*	*-0,92*	***-1,54***
Paċuti	*-0,96*	*-8,54*	***-9,51***
Rivalutazzjoni	0,00	-0,43	**-0,43**
Ordnijiet għall-irkupru miftuħa fil-31.12.2008	**4,17**	**18,98**	**23,15**

(1.4) Indeboliment ta' ammonti riċevibbli

F'konformità mal-IPSAS 19, l-Uffiċjal tal-Kontabilità stabbilixxa provvediment għad-djun dubjużi bbażat fuq żewġ fatturi varjabbli:

– Kemm għadda żmien minn fuq id-dejn, b'applikazzjoni ta' provvediment ta' 20% tal-valur tal-euro għal kull sena li d-dejn ikun ilu pendenti; kif ukoll,

– Il-valutazzjoni tar-riskju ta' nuqqas ta' rkupru, f'kollaborazzjoni mal-Uffiċjal Awtorizzanti.

tabella 1.4 EUR miljuni

Indeboliment ta' ammonti riċevibbli	Is-7 FEŻ	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	TOTAL
Bilanċ fil-31.12.2008		0,35	5,65	**6,00**
Bilanċ fil-31.12.2007	2,79	1,09	1,10	**4,98**
Żieda (Tnaqqis)	-2,79	-0,74	4,55	**1,02**

(2) Prefinanzjament Nett

Skont il-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti, il-ħlasijiet bil-quddiem magħmula mill-FEŻ issa huma kklassifikati bħala assi. Iċ-ċifri għall-prefinanzjament pendenti ġew ipprovduti mill-Uffiċjal Awtorizzanti (ara t-tabella 2.1). Il-prefinanzjament huwa ppreżentat wara li jitnaqqsu l-ordnijiet ta' rkupru miftuħa dwar avvanzi u l-ammonti stmati mhux approvati sa tmiem is-sena.

Fl-2008, il-preżentazzjoni tal-ordnijiet ta' rkupru miftuħa nbidlet. L-ammonti pendenti issa huma inklużi fil-linja tal-prefinanzjament gross.

tabella 2 EUR miljuni

Prefinanzjament Nett	Noti	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	L-10 FEŻ	TOTAL 31.12.2008	TOTAL 31.12.2007
Prefinanzjament (gross)	2.1	244,54	2.377,17	63,77	**2.685,48**	**2.766,52**
Avvanzi għal ġestjoni ta' borż ta' studju	2.2	0,00	0,45	0,00	**0,45**	**1,38**
-Approvazzjoni stmata tal-prefinanzjament	2.3	-151,14	-1.615,72	-1,22	**-1.768,08**	**-1.800,51**
-Ordnijiet miftuħa ta' rkupru (2007)	1.3			0,00	**0,00**	**-11,88**
TOTAL		**93,40**	**761,90**	**62,55**	**917,85**	**955,52**

(2.1) Prefinanzjament (gross)

Ħafna mill-kuntratti jipprovdu għall-ħlas ta' avvanzi qabel ma jibdew isiru x-xogħlijiet, il-konsenji jew il-forniment tas-servizzi. Xi drabi l-iskedi tal-ħlasijiet tal-kuntratti jipprevedu ħlasijiet fuq il-bażi tar-rapporti dwar il-progress. Il-prefinanzjament normalment jitħallas fil-munita tal-pajjiż jew territorju fejn jitwettaq il-proġett.

It-tabella ta' hawn taħt turi fil-qosor il-prefinanzjament pendenti (minbarra għall-programmi ta' aġġustament strutturali u l-programmi ta' appoġġ baġitarju dirett) irreġistrati fil-kontijiet tal-Uffiċjal Awtorizzanti fl-aħħar tas-sena. Il-konverżjoni f'euro issir bir-rata tal-kambju uffiċjali fil-31 ta' Diċembru.

tabella 2.1 EUR miljuni

Prefinanzjament (gross)	Is-7 FEŻ	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	L-10 FEŻ	TOTAL
Total fil-31.12.2008		244,54	2.377,17	63,77	**2.685,48**
Total fil-31.12.2007	152,34	383,89	2.230,29		**2.766,52**
Żieda (Tnaqqis)	-152,34	-139,35	146,88	63,77	**-81,04**

(2.2) Avvanzi għal ġestjoni ta' borż ta' studju

Dan l-ammont jikkorrispondi mal-avvanzi mħallsa lil korpi esterni għall-ġestjoni ta' borż ta' studju.

(2.3) Kklerjar stmat tal-prefinanzjament

Dan l-ammont jirrappreżenta l-ispejjeż dovuti kkalkulati mill-Uffiċjal Awtorizzanti li jikkorrispondu mal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli li ntefqu mill-benefiċjarji tal-ammonti ta' prefinanzjament pendenti fl-aħħar tas-sena, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati. Dawn l-ammonti huma trattati bħala nfiq fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku u ġew riklassifikati mill-kontijiet pagabbli għall-prefinanzjament.

(3) Assi kurrenti oħra

Dan l-ammont jinkludi l-ħlasijiet/dħul kollha li għadhom ma ngħatawx l-allokazzjoni finali għall-proġetti relevanti u l-kont tar-riżultat ekonomiku.

tabella 3 EUR miljuni

Assi kurrenti oħra	Id-9 FEŻ	L-10 FEŻ	Total fil-31.12.2008	Total fil-31.12.2007
Infiq mhux allokat	-0,03		-0,03	1,19
Dħul mhux allokat		-6,47	-6,47	-4,55
Tpaċijiet parzjali		0,17	0,17	0,70
TOTAL	**-0,03**	**-6,30**	**-6,32**	**-2,65**

(4) Kontijiet ta' kollegament

Għar raġunijiet ta' effiċjenza, hemm teżor uniku għall-FEŻ kollha li qed jiġu implimentati; dan iwassal għal operazzjonijiet bejn il-varji FEŻ, li huma bbilanċjati fil-kontijiet ta' kollegament bejn id-diversi karti tal-bilanċ.

tabella 4 EUR miljuni

Kontijiet ta' kollegament	It-8 FEŻ	Id-9 FEŻ	L-10 FEŻ	Total fil-31.12.2008	Total fil-31.12.2007
għas-/mis-6 FEŻ	-2.065,45	-213,85		-2.279,31	0,00
għas-/mis-7 FEŻ		2.279,31		2.279,31	2.037,08
għat-/mit-8 FEŻ		-3.075,80	151,21	-2.924,60	-3.301,13
għad-/mid-9 FEŻ	3.075,80		-173,02	2.902,79	1.264,05
għall-/mill-10 FEŻ	-151,21	173,02		21,81	0,00
Total	**859,14**	**-837,33**	**-21,81**	**0,00**	**0,00**

(5) Kontijiet tas-sigurtà STABEX

STABEX huwa l-akronimu għal skema ta' finanzjament ta' kumpens tal-Kummissjoni Ewropea għall-istabbilizzazzjoni tal-qligħ mill-esportazzjoni tal-pajjiżi tal-AKP. Hija ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-ewwel Konvenzjoni ta' Lomé (1975) bil-għan li tirrimedja għall-effetti ħżiena tal-instabbiltà tad-dħul mill-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Il-bilanċ fuq il-kontijiet tas-sigurtà STABEX jirrappreżenta t-total tal-fondi STABEX disponibbli li se jkunu trasferiti għall-Istat benefiċjarju tal-AKP relevanti f'data fil-futur. Dan il-bilanċ huwa allokat għall-10 FEŻ.

tabella 5 EUR miljuni

Kontijiet tas-sigurtà STABEX	Bilanċ fil-31.12.2007	Trasferimenti mill-kont kurrenti STABEX	Imgħax	Ħlasijiet	Bilanċ fil-31.12.2008
IL-BENIN	0,05		0,00		0,05
IL-BURKINA FASO	0,01		0,00		0,01
IL-BURUNDI	0,68		0,07		0,75
IL-KAMERUN	0,02		0,00	-0,02	0,00
IL-KOMOROS	0,06		0,00		0,06
DOMINIKA	0,08		0,00		0,08
L-ETJOPJA	0,96		0,04		1,01
IL-GAMBJA	1,07		0,05		1,12
IL-GRENADA	0,35		0,02		0,36
GINEA-BISSAU	0,35		0,01	-0,37	0,00
IL-KOSTA TAL-AVORJU	1,57		0,07		1,64
IL-ĠAMAJKA	0,62		0,03		0,65
IL-MADAGASKAR	0,68		0,03		0,71
IL-MALAWI	0,97		0,04		1,02
IL-MAWRITANJA	0,38		0,06		0,44
IL-PAPWA GINEA ĠDIDA	0,70		0,03		0,73
IR-RWANDA	6,12		0,27		6,39
IS-SENEGAL	10,74		0,24	-10,10	0,88
IS-SJERRA LEONE	0,07		0,01	-0,08	0,00
SANTA LUĊIJA	14,60		0,63		15,24
IL-GŻEJJER SOLOMON	0,00		0,00		0,00
IS-SUDAN	48,62		2,10	-2,05	48,67
SAN VINĊENZ U L-GRENADINI	4,21		0,18		4,40
IT-TANŻANIJA	3,56		0,14	-3,70	0,00
IT-TOGO	0,00	8,47	0,29	-8,47	0,29
IT-TONGA	0,09		0,00		0,10
L-UGANDA	0,00		0,00	0,24	0,25
ŻIMBABWE	3,01		0,13		3,15
TOTAL STABEX	**99,61**	**8,47**	**4,45**	**-24,54**	**87,98**

Minbarra dawn il-fondi, hemm fondi oħrajn tal-iSTABEX miżmuma minn Stati benefiċjarji tal-AKP. Ladarba l-Kummissjoni u l-istat benefiċjarju (tal-AKP) jkunu laħqu ftehim dwar kif il-fondi tal-iSTABEX għandhom jintużaw, tiġi ffirmata konvenzjoni ta' trasferiment miż-żewġ naħat. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 211 tal-Ftehim ta' Lomé IV[8] (kif revedut), il-fondi huma trasferiti f'kont b'żewġ firem (ta' uffiċjal tal-Kummissjoni u tal-Istat Benefiċjarju) li jrendi l-imgħax, miftuħ f'isem l-Istat tal-AKP. Il-fondi jibqgħu f'dawn il-kontijiet tas-sigurtà sakemm FMO (Qafas ta' Obbligazzjonijiet Reċiproċi) jiġġustifika t-trasferiment għal proġett. L-uffiċjal tal-Kummissjoni jżomm l-awtorità tal-firma fuq il-kont sabiex jiżgura li l-fondi jinħarġu kif ikun intenzjonat. Il-fondi fil-kontijiet bil-firma doppja

[8] ĠU L 156 tad-29.05.1998 pp. 3-106

huma l-propjetà tal-Istat tal-AKP u għaldaqstant mhumiex imniżżla bħala assi fil-Kontijiet Annwali tal-FEŻ. It-trasferimenti lil dawn il-kontijiet huma rreġistrati bħala ħlasijiet tal-iSTABEX. Dettalji ta' dawn il-kontijiet huma provduti fir-Rapport tal-Ġestjoni Finanzjarja tal-FEŻ[9].

Fl-2008, EUR 8,47 miljun tpoġġew għad-dispożizzjoni ta' Togo permezz ta' trasferiment mill-kont kurrenti STABEX għal kont tas-sigurtà b'żewġ firem, wara struzzjonijiet mill-Uffiċjal Awtorizzanti (ara n-nota 7.4).

(6) Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Dan il-bilanċ jirrappreżenta l-ammonti disponibbli għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/583/KE[10].

tabella 6 EUR miljuni

	L-10 FEŻ	Bilanċ fil-31.12.2008	Bilanċ fil-31.12.2007
Il-fond speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo	1,75	1,75	3,36
TOTAL	**1,75**	**1,75**	**3,36**

(7) Flus fil-bank

Skont l-Artikolu 153 tar-Regolament Finanzjarju tal-10 FEŻ it-teżor huwa ppreżentat fil-karta tal-bilanċ tal-10 FEŻ.

tabella 7 EUR miljuni

Flus fil-bank	Noti	L-10 FEŻ	Bilanċ fil-31.12.2008	Bilanċ fil-31.12.2007
Kontijiet tat-teżor	7.1	133,98	133,98	208,09
Aġenti tal-Ħlas Lokali	7.2	20,24	20,24	54,67
Aġenti tal-Ħlas Ewropej	7.3	31,71	31,71	13,06
Kont kurrenti STABEX	7.4	0,00	0,00	8,47
Flus fi tranżitu		0,00	0,00	0,95
TOTAL		**185,94**	**185,94**	**285,24**

(7.1) Kontijiet tat-teżor

Dawn huma kontijiet mal-banek ċentrali tal-Istati Membri li fihom jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ. L-Uffiċjal tal-Kontabilità jagħmel it-trasferimenti minn dawn il-kontijiet lill-aġenti tal-ħlas Ewropej.

(7.2) Aġenti tal-ħlas lokali

Dawn huma ammonti miżmuma f'kontijiet bankarji li jinsabu fl-Istati tal-AKP u OCT użati biex isiru l-ħlasijiet fil-munita lokali fl-istat benefiċjarju. Ġeneralment, il-kontijiet huma f'euro, imma jistgħu jkunu wkoll f'munita ta' Stat Membru tal-Komunità.

---

[9] L-Artikolu 118 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ

[10] ĠU L 198 of 06.08.2003 p. 8

(7.3) Aġenti tal-ħlas Ewropej

Dawn il-kontijiet jinżammu f'banek kummerċjali fl-Istati Membri UE-15 u fil-BEI. Il-kontijiet jinżammu f'euro u jintużaw biex jitħallsu l-pagamenti lill-benefiċjarji fl-Unjoni u mkejjen oħra. Ġeneralment, il-pagamenti jitħallsu f'euro, imma jistgħu jitħallsu wkoll f'muniti oħra. Dawn il-fondi jintużaw ukoll biex isir riforniment tal-kontijiet tal-aġenti tal-ħlas lokali u tal-kont ta' kollegament mal-Baġit Ġenerali tal-UE.

(7.4) Kont kurrenti STABEX

Il-bilanċ tal-2007 tpoġġa għad-dispożizzjoni ta' Togo fl-2008 permezz ta' trasferiment lejn kont tas-sigurtà b'żewġ firem, wara struzzjonijiet mill-Uffiċjal Awtorizzanti.

(8) Kontijiet tal-bank tal-kofinanzjament

